IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru17 (sbatax) tad-disa' (9) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it- Tnejn 27 ta' Ottubru, 2025, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Michael Mifsud |
| Il- Kunsillier | Mary Doris Borg |
| | Raymond Duncan |
| | Antonia Buttigieg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**17.1. Item Nru 17.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

17.1.1 Il-Laqgħa bdiet fil-5.13pm u kulħadd kien preżenti

**17.2. Item Nru. 17.2 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

17.2.1 Il-Minuti ittieħdu moqrija u ma kienx hemm korrezzjonijiet. Il-Minuti ġew approvati b'mod unanimu.

**17.3 Item Nru. 17.3 fuq l-Aġenda - Komunikazzjoni mis-Sindku**

17.3.1 Is-Sindku tkellem dwar l-iskambju fejn propju dan ix-xahar kien imiss li nies mix Xgħajra jmorru s-Slovenja. Mix-Xgħajra kienu mistiedna 21 persuna.

Bħala preżentazzjoni laqgħu is-suġġetti li tajnihom *Nomad Visas*, Edukazzjoni u kif inġibu iktar turisti lejn Malta.

Imxejna bħala team u ppreżentajnilhom *mats* u l-gallerija tradizzjonali f'minjatura bħala jikonoxximent tal-ospitalità. Issa jmiss li mmorru l-Ungerija f'April tas-sena d-dieħla propju bejn 23-26 ta' April. Is-Sur Attard qal li issa in-nies ser jintgħażlu minnu biex ma jkunx hemm tgergir.

IX-XGĦAJRA

Bħala numru tad-delegazzjoni ħa jkun ukoll 21 u jekk ħa jkun hemm oħrajn li jixtiequ jiġu nistgħu naċċettawhom pero jkunu preparati li jridu jħallsu huma xi spejjeż.

17.3.2 Is-Sur Attard qal li ta' Halloween il-pjan kollu lest issa jmiss biss li nixtru xi tiżjin u xi ħelu.

17.3.3 Is-Sindku qal li l-ħarga tal-Baħrija ser terga' ssir u ħa tkun bl-ikel inkluż. Kull min hu interessat jista' jibbukkja.

17.3.4 Is-Sindku qal li għall-Milied fix-Xgħajra applikajna għal skema u approvawlna l-fondi. Il-Kunsill applika għal €15,000. Minnhom ser jintuzaw €4,000 u xi ħaga oħra biex inżejnu t toroq tax-Xgħajra, €2000 biex nagħmlu attività għar-residenti, madwar €300-€500 għal attività b'kollaborazzjoni mal-iskola li wis probabli ssir nhar l- 20 ta' Diċembru. Ha jkun hemm stage b kant u kor. Imbgħad ha jsir event fil-Fortizza nhar il-21 ta' Diċembru bejn it-3pm-8pm.

17.3.5 Is-Sindku qal li rridu naħtru kumitat tal-finanzi sabiex inkunu nistgħu nindirizzaw l-FSI u nieħduh għal wieħed posittiv -il fuq minn 10%. Is-Sindku stieden lis-Segretarju sabiex jispjega kif għandu jkun kompost dan il-kumitat. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan għandu jkun magħmul minn l-Accountant tal-Kunsill, is-Sindku u kunsillier kif ukoll is-Segretarju stess.

Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier l-ieħor għandu jkun is-Sur Michael Mifsud.

17.3.6 Is-Sindku qal li għadna kemm ħawwilna pjanti ġodda fejn il-Belveder issa rridu nieħdu ħsieb it-tisqija tagħhom.

**17.4 Item Nru 17.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

17.4.1 Is-Sur Michael Mifsud qal li Triq iċ-Ċern qed jgħaddu vetturi kbar. Tajjeb li naraw jekk it-tabella tan- *no heavy vehicles* li kien hemm imwaħħla għadiex fil-post.

Filkas nistghu nippruvaw nagħmlu tabella oħra li tindikaw lill- *heavy vehicle* (Żabbar to the left) Forsi tkun ta' aktar informazzjoni.

17.4.2 Is-Sur Mifsud qal li dwar il problema tal-iskart fejn il-monument tal-Ħelsien f'Wesgħet il-Ħelsien għandna l-ewwel nibgħatu ittra lir-residenti kollha mbgħad naqalgħu il-pole tat tabella tal-iskart, nagħmlu kuntatt mal-Community Police biex jiġu nhar ta' ġimgħa filgħodu u jeduka.

17.4.3 Is-Sur Mifsud ippropona li niktbu lil TM sabiex il-bus stop ta' fejn il-Knisja tinqala minhemm u tiġi maġenb il-Knisja. Kulħadd qabel ma din il-proposta.

Michael kompla u qal li qed isiru studji minn nies esperti ta' TM dwar it-tabelli u sinjali f kull lokalità. Huwa iċċekkja dwaru u qalulu li fix-Xghajra ha jsir ukoll.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR171710 – Malta
Tel: 2171732617
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

17.4.4 Is-Sinjura Doris Borg qalet li fuq il-problema tal-iskart ta' fejn il-monument tal-Ħelsien ser tibda tmur filgħaxija tħabbat bieb bieb u teduka. Qabel xejn trid tkun ċerta li mhux jitfahom tal-iskart stess.

17.4.5 Is-Sinjura Borg qalet li kellna *email right of children to participate. Conference children's voice* u hi fid dmir li tattendi. Hemm talba għal ħlas ta' €90. Il-Kunsill qabel li jħallas dan l-ammont.

17.4.6 Is-Sinjura Doris Borg qalet li tajjeb li nerġgħu nqajmu l-avveniment ta' Jum ix-Xgħajra. Kulħadd qabel ma' dan u għalhekk għandna niċċekkjaw sabiex inkunu ċerti meta hu suppost il-jum propja li fih jiġi ċċelebrat Jum ix-Xgħajra.

17.4.7 Is-Sinjura Borg qalet li għall-attivitajiet ta' San Martin ser issir attività b kollaborazzjoni mal-iskola nhar il-11 ta' Novembru fejn ser issir play imtella' mit- tfal bis-superviżjoni tagħha (is-Sinjura Doris Borg) dwar l-istorja ta' San Martin u titqassam il-borża tradizzjonali.

17.4.8 Is-Sinjura Borg qalet li għal żmien il-Milied tixtieq torganizza ħarġa għal wirjiet tal-presepji. Kulħadd qabel.

17.4.9 Is-Sur Raymond Duncan qal li fi Triq Orlando il-ħajt tas-sejjiegħ qed jiġġarraf u tajjeb li nkellmu mal-Pulizija sabiex jagħmlu xi tape li juri hemm periklu.

17.4.10 Is-Sinjura Antonia Buttigieg staqsiet jekk il-Kunsill għamilx xi bollards fi Triq il-Mulett għax hemm xi residenti qed igergru. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u ser naraw dwarha.

17.4.11 Is-Sa Buttiġieg staqsiet kif ser nagħmlu biex insewwu l-bir. Is-Sindku qal li l-bir tar-roundabout ħadu ħsiebu u rranġawh imbgħad hemm il-bir tal-Belveder li irridu niċċekkjaw fihx ilma.

**17.5 Item Nru. 17.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

17.5.1 Ma kienx hemm rapporti oħra

**17.6 Item Nru. 17.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

17.6.1 Ma kienx hemm xogħol ieħor.

**17.7 Item Nru. 17.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

17.7.1 Pagamenti b'numru 16 ġew approvati unanimament.

IX-XGHAJRA

**17.8 Item Nru. 17.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet;**

17.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**17.9 Item Nru. 17.9 fuq l-Aġenda – Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

17.9.1 Il-laqgħa intemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 24 ta' Novembru fil-5pm.

Ranier Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Neil Attard
Sindku